MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 691/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**JASON SCERRI ta' 35 sena, iben Joseph u Jane nee' Farrugia, imwieled Tal-Pieta' nhar il-5 ta' Marzu, 1974, residenti fil-fond numru 3, Triq it-Tabib J Zammit, Balzan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 167774M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JASON SCERRI** li gie akkuzat talli b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe':

1. Nhar it-8 ta' Awwissu, 2007 f'xi hin matul il-guranata mill-fond bl-isem Melody Waters, Flat 7, sitwat fi Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u apparat cellulari tal-marka Siemens u Nokia fost oggetti ohra, ghad-dannu ta' Martin Zammit u membri ohra tal-familja tieghu, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u bil-lok;

2. U aktar talli nhar l-1 ta' Gunju, 2007 mill-fond bl-isem Block Court, Flat 9, sitwat fi Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti u apparat cellulari tal-marka Nokia fost oggetti ohra ghad-dannu ta' Peter Thompson minn Sunderland, Ingilterra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-proprjetarju ta' l-imsemmi appartament, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10.00) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50.00);

4. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

5. U kif ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' nterrogatorju Jason Scerri wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(b), 280(2), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(a), 280(2), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.
h. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (seduta ta' nhar it-18.04.2008);

Rat ukoll illi fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Novembru, 2007 l-imputat, anke qabel ma ntbaghtu l-Artikoli, irregistra ammissjoni. F'dan l-istadju kien intalab ghalhekk *Pre-Sentencing Report* – rapport li fil-fatt gie redatt mill-Ufficjal tal-Probation John Testa ezebita bhala DOK JT. Ghandu jinghad ukoll illi John Testa gie anke ordnat minn din il-Qorti biex fil-mori ta' din il-kawza huwa jkompli jsegwi lil Jason Scerri taht Ordni Provizorja ta' Supervizjoni u jirrelata lill-Qorti l-andament ta' Jason Scerri fil-problema li ghandu bl-abbuz tad-droga.

Xehdet ukoll fir-rigward tal-problemi ta' Jason Scerri Joan Camilleri – *clinical psychologist*. Spjegat sew minn dan il-lat il-problemi ta' Jason Scerri, issuggeriet ukoll illi Jason Scerri kellu jigi segwit minn Dr Edward Curmi, ukoll *clinical psychologist*, in kwantu ghall-fatt illi kellu *background* fil-kamp kriminali (vide relazzjoni DOK JC).

Verbalment fil-fatt il-Qorti kienet hatret lil Dr Edward Curmi bhala psikologu kliniku u psikoterapewtiku li ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala DOK EC.

Ghandu jinghad ukoll illi John Testa bhala Ufficja tal-Probation segwenti l-Ordni ta’ Supervizjoni, fl-ewwel lok ta rapport pjuttost fil-pozittiv fir-rigward ta’ Jason Scerri fil-konfront ta’ kif kien qieghed jipprova jeghleb il-problema ta’ l-abbuz tad-droga, pero xhur wara (nhar il-21.08.2009), John Testa ta rapport hafna fin-negattiv f’dan ir-rigward.

Ghalhekk il-Qorti semghet lill-istess Ufficjal tal-Probation li qal li ra digress sostanzjali minn naha ta’ Jason Scerri.

Dr Edward Curmi kompla jsostni l-gravita’ tas-sitwazzjoni ta’ Jason Scerri meta xehed u qal illi tant kien gravi l-istess li l-ewwel kliem tieghu, cioe’ ta’ Scerri, kienu li kien hemm bzonn jissakkar ghax ma kienx qieghed f’siktu. Spjega wkoll id-diffikultajiet li kellu Jason Scerri biex almenu jibda programm kontra l-abbuz tad-droga. Esprima opinjoni Dr Edward Curmi, wahda li fi kliemu kienet pre-okkupanti, li Jason Scerri kien jippreferi jkun l-Habs milli go programm.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma tistax ma tikkonvidix il-pre-okkupazzjoni li wera l-Ufficjal tal-Probation John Testa kif ukoll Dr Edward Curmi fir-rigward ta’ l-inkolumita’ ta’ Jason Scerri. Thoss li din il-kawza ttawlet izzejjed b’riskju li jekk Scerri mhux ser jircievi ghajnuna, jista’ anke jitlef hajtu.

Scerri ammetta l-imputazzjonijiet lilu dedotti. Sfortunatament il-problema tieghu hija tali li lanqas huwa idoneu li bhal’issa jibda programm.

Konsegwentement fuq l-ammissjoni qieghda ssib lil Jason Scerri hati tar-reati lilu addebitati wara li rat l-Artikoli u cioe’:

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(b), 280(2), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikolu 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278, 279(a), 280(2), u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.
h. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. Fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu – hadet in konsiderazzjoni dak kollu premess u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' tlitt snin u nofs.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lil Jason Scerri ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1009.99(elf u disa' Ewro, u disgha u disghin centezmu);
Qieghda bis-sahha tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs li Jason Scerri jinghata kull ghajnuna biex johrog mill-problema ta' l-abbuz ta' droga anke fil-kamp psikologiku, psikjatriku, anke bl-intendiment li jibda progeramm fi hdan is-SATU.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------